MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 456/2011

365 Entertainment Ltd (C41573)
vs
1. Boss Media Malta Poker Ltd (C37593); u
2. Boss Media AB, registrata gewwa l-Isvezja, b'indirizz ufficjali Honnorsgatan 2, Box 3243, Vaxjo SE-350 53, l-Isvezja (556400-0353)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi l-kumpannija rikorrenti 365 Entertainment Limited hija kumpannija registrata Malta u hija s-sid ta' diversi *trade marks* relatati mas-sit eletroniku www.classicpoker.com li joffri servizzi relatati mal-loghob ta' l-*online poker* .

Illi s-sit www.classicpoker.com huwa prezentament operat minn OIGE PG Limited, kumpannija registrata Malta bl-ufficcju taghha li jinsab f'DSLR, *Suite* 399, Ftieh Street, Birkirkara Bypass, Birkirkara, BKR2940, Malta.

Illi OIGE PG tifforma parti mill-grupp ta' kumpanniji ta' MPP Entertainment Limited kumpannija registrata Malta bl-ufficcju taghha li jinsab f'*Suite* 460, Ftieh Street, Birkirkara Bypass, Birkirkara, BKR2940, Malta.

Illi fl-10 ta' Marzu, 2009, kien iffirmat ftehim maghruf bhala l-*Poker Partner Agreement* (anness mar-rikors bhala Dokument A) bejn Boss Media Malta Poker Ltd, Boss Media AB, MPP Entertainment Ltd, 365 Entertainment Ltd, Henrik Witt, ECash Direct (UK) Limited u CryptoLogic Limited u li permezz ta' liema ftehim MPP Entertainment Ltd kienet se tiehu s-servizzi ta' *software* minghand Boss Media Malta Poker Ltd. sabiex tkun tista' toffri loghob ta' *online poker* taht it-*trade names* u *trade marks* proprjeta' tas-socjeta` rikorrenti *tramite* l-*International Poker Network* (jew IPN) operat mis-socjetajiet konvenuti;

Illi l-istess Poker Partner Agreement datat 10 ta' Marzu, 2009 jistipula li Boss Media AB kienet se tiggarantixxi l-obbligazzjonijiet ta' Boss Media Malta Poker Ltd. filwaqt li s-socjeta` rikorrenti kienet se tiggarantixxi l-obligazzjonijiet ta' MPP Entertainment Ltd. li jinkludu l-obbligazzjonijiet ta' hlas ghas-servizzi moghtija minn Boss Media Malta Poker Ltd. lil MPP Entertainment Limited;

Illi taht l-istess *Poker Partner Agreement* is-socjeta` rikorrenti kellha l-obbligu li tippromwovi s-servizzi li kienu qed jinghataw mis-sit www.classicpoker.com ghall-beneficcju tas-socjetajiet konvenuti kif ukoll ghll-beneficcju ta' MPP Entertainment Ltd.;

Illi effettivament ix-xoghol wara s-sit www.classicpoker.com kien isir mis-socjeta` rikorrenti li mhux biss kienet tiehu hsieb il-*players* li jilaghbu fuq dan is-sit izda kienet ukoll responsabbli ghall-hlasijiet dovuti lis-socjetajiet konvenuti;

Illi l-Poker Partner Agreement jistipula li s-servizzi li jinghataw minghand is-socjetajiet konvenuti huma suggetti ghall-*Boss Group Standard Terms and Conditions* (annessi mar-rikors bhala Dokument B) kif ukoll ghall-"*International Poker Network – Network Rules*" (annessi mar-rikors bhala Dokument C);

Illi l-*Poker Partner Agreement*, senjatament f'Artikolu 3.6, jispecifika li Boss Media Malta Poker Ltd. kienu qed izommu d-dritt li jibdlu s-servizzi li kienu qed jipprovdu lill-MPP Entertainment Ltd. ghalkemm jinghad ukoll illi:
"[…]*any change to the Service which would hava a **__major prejudicial effect__** upon the Partner Company shall only be made by giving forty-five (45) days written notice to the Partner Company, in which event Boss Malta shall give due consideration to any representations made by the Partner Company [jigifieri MPP Entertainment Ltd] with respect to such proposed changes*". [empafi mizjuda]

Illi l-*Poker Partner Agreement*, senjatament f'Artikolu 4.2, jipprovdi illi:
"*The Partner Company shall adhere to the rules set up by Boss Malta from time to time on approved bonus schemes and promotion schemes for the Service*." [emfazi mizjuda]

Illi fit-31 ta' Awissu 2009, is-socjeta` rikorrenti rceviet *email* minghand is-socjetajiet konvenuti (anness mar-rikors bhala Dokument D) fejn infurmaw lis-socjeta` rikorrenti li kienu se jkunu ntrodotti *Network Rules* godda (jigifieri verzjoni 'G' tal-*International Poker Network Rules* u li qed gew annessi mar-rikors bhala Dokument E) li kienu jinkludu sistema ta' penali li kellha tithallas minghand is-socjeta` rikorrenti jekk certu *payout ratios* li jsiru lill-klijenti ta' classicpoker.com (cioe` l-klijenti tas-socjeta` rikorrenti) kienu jkunu aktar minn 99.8% ;

Ir-ragunijiet wara l-introduzzjoni tal-paragrafu 2.5.5 tar-revizjoni G tal-*International Poker Network – Network Rules* (jigifieri n-"*Network Performance Rules*") kienet spjegata mis-socjetajiet konvenuti fl-ittra taghhom tal-31 ta' Awissu 2009 b'dan il-mod:

"*As you are aware the survival of a poker network is dependant on new players with fresh money in the system and the new paragraph aims to incentive partners who are contributing with fish* [jigifieri giokaturi ossia *players]. A poker network needs fish the same way we need oxygen to stay alive, in order to survive long term we have decided to incentive the partners who are contributing with the players we need and penalize the partners who have little or no interest in spending money to contribute to the health of the IPN eco-system*."

Is-socjeta` rikorrenti minnufih ikkomunikat mas-socjetajiet konvenuti fejn stqarret illi ma kenitx taqbel mar-regoli godda rigwardanti n-*Network Performance Rules* godda kif ukoll ma' l-introduzzjoni taghhom minhabba l-effett negattiv qawwi li kien se jkollu l-operat ta' classicpoker.com;

Illi, irrispettivament mid-diversi talbiet sabiex is-socjetajiet konvenuti jispjegaw b'mod car, matematiku u gust, l-introduzzjoni tan-*Network Performance Rules* il-godda, is-socjeta` rikorrenti baqghet bla risposti cari u anzi bdiet tigi mmultata ghall-ksur ta' dawn in-*Network Performance Rules* ghal diversi xhur bejn Dicembru 2009 sal-gurnata tal-lum, multi li jistghu jkunu kunsidrati biss bhala arrikkiment ingust;

Illi l-flus dovuti bhala multi ghall-kust tan-Network Performance Rules kienu qed jigu direttament migbuda mis-socjetajiet konvenuti mill-*accounts* tas-socjeta` rikorrenti minkejja d-diversi protesti mis-socjeta` rikorrenti lil dawk konvenuti dwar dan l-agir u d-diversi stqarrijiet min-naha tas-socjetajiet konvenuti li ma kien hemm xejn hazin u rregolari fl-implimentazzjoni tan-*Network Performance Rules* godda li kienu qed jaffettwaw hazin l-operat ta' classicpoker.com;

Illi n-*Network Performance Rules* effettivament jippenalizzaw socjetajiet bhal dik rikorrenti li ghandhom klijenti li jafu jilghabu sew il-loghba tal-*poker* u ghalhekk jirbhu l-flus izda fl-istess waqt dawn ir-regoli godda jsarrfu filli s-socjeta` rikorrenti jkollha thallas multi u penali lis-

socjetajiet konvenuti ghas-success li l-klijenti tas-socjeta` rikorrenti kien ikollhom meta jilghabu l-*online poker tramite* s-servizzi ta’ *software* provduti mis-socjetajiet konvenuti fuq l-*International Poker Network*. Is-socjeta` rikorrenti ghalhekk kienet qed tigi penalizzata ghal agir li kien totalment barra mill-kontroll taghha u mhux ghal xi nuqqas dirett fl-agir taghha; dana billi l-loghob ta’ l-azzard hu dak li hu u cioe’ wiehed riskjuz u hadd ma jkun jaf qabel jilghab jekk hux se jirbah jew jitlef u jekk jirbah kemm se jirbah;

Ghalhekk dawn ir-regoli godda ma jfissru xejn hlief illi dawk li jkunu qed jippromwovu dan il-loghob bhas-socjeta’ rikorrenti qeghdin jigu permezz ta’ l-istess regoli godda penalizzati f’kaz li l-klijenti taghhom jirbhu; u wiehed jistaqsi min fid-dinja jintriga jilghab loghob ta’ l-azzard jekk mhux biex jirbah jew almenu bl-isperanza li jirbah; li hu zgur pero` hu li hadd ma jilghab biex zgur jitlef jew jippromwovi l-loghob ta’ l-azzard ghal success tal-klijenti tieghu biex minflok jaqla’ l-flus ikollu rasu maqtuha b’mannara u jhallas penali;

Illi jidher bic-car illi (i) n-*Network Performance Rules* introdotti permezz tar-Revizjoni G tal-*International Poker Network – Network Rules* ma jistghux jigu klassifikati bhala “*bonus schemes*” jew “*promotion schemes*” kif imnizzla taht Artikolu 4.2 tal-*Poker Partner Agreement* u (ii) s-socjetajiet konvenuti, qabel l-introduzzjoni tan-*Network Performance Rules* ma hadux in kunsiderazzjoni b’mod ekwu u trasparenti l-“*major prejudicial effect*” li dawn l-istess *Network Performance Rules* kien se jkollhom fuq l-operat tas-socjeta` rikorrenti;

Illi *in vista* tal-premess fil-fehma tar-rikorrenti dawn in-*Network Performance Rules* godda huma certament ta’ “*major prejudicial effect*” u bhala tali ma setghux gew imposti fuq is-socjeta` rikorrenti *ai termini* ta’ l-Artikolu 3.6 tal-*Poker Partner Agreement* u ghalhekk imorru kontra l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti billi jiksru l-principju tal-*pacta sunt servanda*.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-*Network Performance Rules* il-godda u senjatament paragrafu 2.5.5 *et seq* tal-*International Poker Network – Network Rules* (Ver G) (i) ma jistghux ikunu konsidrati bhala '*bonus schemes*' jew '*promotion schemes*' u (ii) ikkrejaw "*major prejudicial effect*" li ma kenitx tezisti meta kienu ghadhom in operazzjoni l-verzjoni tal-*International Poker Network – Network Rules* precedenti li kienu *in vigore* meta kien iffirmat il-*Poker Partner Agreement* sad-data tar-revizjoni ta' l-istess *International Poker Network – Network Rules*;

2. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeciedi li l-impozizzjoni ta' dawn in-*Network Performance Rules* godda hija wahda illegali, abbuziva u tmur kontra l-*Poker Partner Agreement* u bhala tali m'ghandu jkollhom ebda effett legali u dana mid-data minn meta dawn in-*Network Performance Rules* godda gew imposti illegalment u kontra l-principju tal-*pacta sunt servanda*;

Bl-ispejjez inkluzi dawk kemm legali kif ukoll dawk *extra* gudizzjarji kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghall kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra dawk konvenuti inkluza azzjoni ghad-danni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tas-socjetajiet intimati li biha esponew:

1. Illi in linea preliminari, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti billi a tenur tal-pattijiet vigenti bejn il-kontendenti, kwalunkwe vertenza tigi risolta fl-*Arbitration Institute of the Stockholm Chamber of Commerce* bil-konsegwenza li din il-Qorti ghandha twaqqaf dawn il-proceduri a tenur tal-artiklu 742 (3) tal-Kap. 12 kif ukoll l-artiklu 8 tal-*Model Law on International Commercial Arbitration* illum parti mil-ligi domestika ta' Malta (Kap.387 – l-ewwel Skeda);

2. Illi subordinatement u minghajr pregiudizzju ghall-permess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. Illi a tenur tal-art. 3.6 tal-*Classicopker – Poker Partner Agreement* gie pattwit hekk:-

*Boss Malta shall retain the right to provide the Service in any form Boss Malta deems appropriate. Boss Malta retains the right to change any part of the Service at any time and in any manner Boss Malta deems appropriate without the prior notice to the Partner Company. However, any change to the Service which would have a major prejudicial effect upon the Partner Company shall only be made by giving forty five (45) days written notice to the Partner Company in which event Boss Malta shall give due consideration to any representations made by the Partner Company with respect to such proposed changes*;

4. Illi fi klawsola 4.2 tal-istess ftehim imbaghad hemm provdut illi:-

*The Partner Company shall adhere to the rules set up by Boss Malta from time to time an approved shcemes and promotion schemes for the Service. Information about the current rules for bonuses and promotions are set out in the IPN – Network Rules that are available on request from Boss Malta. The Partner Company acknowledges that a breach of the IPN Network Rules will be considered as a material breach of this Agreement;*

5. Illi mill-premess ghalhekk ghandu jkun ovvju li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex a tenur tal-ftehim in kwistjoni, Boss Malta kellha kull dritt, kif *del resto* accettat mill-istess socjeta` attrici skond il-klawsoli hawn fuq citati, illi tipprovdi u/jew tvarja dan l-*IPN Network Rules* minn zmien ghal zmien u ma hemm xejn fil-ftehim li jipprovdi li l-*IPN – Network Rules* kellhom jibqghu limitati ghal dawk vigenti fil-mument li gie konkluz ‘il fuq imsemmi ftehim;

6. Illi f'kull kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mis-socjetajiet intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat
Din il-kawza qedgha ghad-decizjoni fuq l-eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti billi a tenur tal-pattijiet vigenti bejn il-kontendenti, kwalunkwe vertenza tigi risolta fl-*Arbitration Institute of the Stockholm Chamber of Commerce* bil-konsegwenza li dina l-Qorti ghandha twaqqaf dawn il-proceduri a tenur ta' l-artikolu 742 (3) tal-Kap. 12 kif ukoll l-artikolu 8 tal-*Model Law on International Commercial Arbitration* illum parti mil-ligi domestika ta' Malta (Kap. 387 - l-Ewwel Skeda);

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
***<u>C1. Sezzjonijiet relevanti tal-ligi:</u>***
L-aktar sezzjonijiet tal-ligi li huma rilevanti ghal dan il-kaz huma:
il-Kap 387 artikolu 8(1) li jghid:
"Qorti li tingieb azzjoni quddiemha fi kwistjoni li tkun is-suggett ta' ftehim ta' arbitragg ghandha, jekk xi parti hekk titlob mhux aktar tard minn meta taghmel l-ewwel dikjarazzjoni taghha fuq il-meriti tat-tilwima, tirreferi lill-partijiet ghall-arbitragg kemm-il darba ma tiddecidix li l-ftehim huwa null u bla effett, inoperattiv jew li ma jistax jitwettaq."

u l-artikolu 742(3) tal-Kap12 li jipprovdi:-
"Il-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili m'hijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procediment ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-Qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregiudizzju ghad-disposizzjonijiet

tas-subartikolu (4) u ghas-setgha li ghandha l-Qorti li taghti kull ordni jew direttiva."

***C2. Dokumenti relevanti:***

It-talbiet tar-rikorrenti huma bazati fuq il-ftehim anness mar-rikors promotur bhala Dok. A u li huwa intestat "CLASSICPOKER - POKER PARTNER AGREEMENT." Dan il-ftehim huwa sieket ghal kollox a rigward ta' gurisdizzjoni jew arbitragg bejn il-partijiet. Fl-imsemmi ftehim hemm klawsola li tindika li l-ligi Maltija tapplika bhala l-ligi tal-kuntratt (Klawsola 7 - *Governing Law*). Izda din tirregola biss il-kwistjoni dwar il-ligi applikabbli ghall-kuntratt u mhux kwistjonijiet ta' gurisdizzjoni.

Inoltre fil-premessi tal-istess ftehim il-partijiet kontendenti stipulaw espressament illi:-

"*Boss Group Standard Terms and Conditions shall apply to this agreement. In the event a provision in the Standard Terms and Conditions differs from a provision in this Agreement, the provision in this Agreement shall prevail*."

Jinghad ukoll li f'dawn l-*Istandard Terms and Conditions* fi klawsola 16 intestata *Governing Law; Disputes* insibu:-

"16.1 *The Agreements and all the matters relating thereto shall be construed and controlled by the Laws of Sweden. Boss Group and Customer shall use their best efforts to negotiate in good faith and settle amicably any dispute that may arise out of or relate to the Agreements or a breach thereof. If any such dispute cannot be settled amicably through ordinary negotiation by appropriate representatives of Boss Group and Customer, the dispute shall be refererd to the managing directors of Boss Group and Customer who shall meet in order to attempt to resolve the dispute. If any such meeting fails to result in a settlement the matter shall be finally settled by arbitration in accordance with the Rules of the Arbitration Institute of the Stockholm Chamber of Commerce. The place of arbitration shall be Stockholm. The language to be used in the arbitration proceedings shall be English*."

***C3. Validita` tal-Klawsola Arbitrali:***

Din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta' Novembru, 2007 (Citazz. Nru.: 751/04FS) fil-kawza **Calibre Industries Limited vs Slipform Engineering (Malta) Limited** kitbet:
"Fis-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell Kum fil-kawza fl-ismijiet **Edwin Vella vs Wilfred Mamo *noe* tat-**13 ta' Ottubru, 1989 inghad li kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volonta` libera tal-partijiet.

Il-polza kienet tipprovdi li ***"****all differences****"*** kellhom jigu sottomessi ghall-artbitragg. Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. L-attur kien dahal fil-polza flok l-assikurat ta' qablu u ghalhekk kien jispetta lilu jarah x'hin huma l-kundizzjonijiet."

Il-Qorti ta' l-Appelli ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u iddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Laferla vs Sammy Attard** deciza mill-Onor Qorti App Kum fil-31 ta' Mejju, 1995 inghad li l-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun rizoluta b'arbitragg, fost elementi ohra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe incertezza. Konsegwentement jekk f'kaz din il-kitba ma saritx il-kunsens u l-accettazzjoni ma nghatawx validament skond il-ligi. Konsegwentement il-proceduri kollha bl-arbitragg - inkluz il-***lodo*** stess - ma jistghux jitqiesu li b'xi mod jivvinkolaw u jobbligaw lill-appellant.

F'decizjoni ohra, **George Xuereb vs Accountant General *et*** datata 28 ta' Frar 1997, il-Qorti ta' l-Appell diga kienet enuncjat illi:
"naturalment dan ma jfissirx li l-klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li din il-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."

Ara wkoll f'dan is-sens il-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2004, referenza 1246/97PS, fl-ismijiet J**oseph Micallef *et* vs Jovin Rausi *noe***.

Fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 **George Camilleri vs Hugh P. Zammit *noe* inghad**:
"il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skond kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Renato Cefai *nomine* vs Valletta Freight Services Limited** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Marzu, 2001 mill-Imh. Caruana Demajo inghad li klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jigu rispettati u dan anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom gurisdizzjoni konkorrenti.

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Christopher Grech vs Joseph Cutajar** deciza fl-1 ta' Dicembru, 2008 il-Qorti qalet:
"Ghalhekk din il-klawsola arbitrali fil-*Memorandum and Articles of Associa*tion tal-kumpanija hija valida, ghax voluta miz-zewg kontraenti, u ghaldaqstant ghandha tibqa' rispettata. F'dan il-kaz, ghalhekk, in vista ta' dak akkordat mill-partijiet fi klawsoli 33 u 34 tal-*Memorandum*

*and Articles of Association*, tali diskordanza ghanda tigi differita lill-arbitru jew arbitri, skond il-kaz, u dan ghall-gudizzju opportun."

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Avukat Simon Tortell *noe* vs G.S. Specialist Vehicles Ltd *et*** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Marzu 2010 (1213/08) inghad:
"huwa *ormai* pacifiku fil-gurisprudenza taghna klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg ghall-volontà libera tal-partijiet. … Il-Qorti sabet illi din il-klawsola kienet tkopri l-mertu tal-kwistjoni. … Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddikjarat ruhha inkompetenti in vista tal-klawsola arbitrali."

***C4. Il-principji legali applikati ghall-kaz de quo:***
***i. Talba fil-bidu tal-proceduri ghall-Arbitragg:***
Il-ftehim bejn il-partijiet kontraenti ghandu jigi rispettat in *buona fede* u li jikkostitwixxi vinkolu li jorbot il-partijiet li ma jistax jigi injorat jew terminat unilateralment: *pacta sund servanda*.

Is-socjeta` konvenuta targumenta li:
"fil-*Poker Partner Agreement* tal-partijiet kontraenti ma qalu xejn u ma ghazlu l-ebda gurisdizzjoni partikolari u l-ftehim ma jipprovdi xejn f'dan ir-rigward bil-konsegwenza logika ghalhekk illi l-istess partijiet huma marbuta bil-klawsoli tal-*Boss Media Standard Terms and Conditions* li jipprovdu espressament illi f'kaz ta' xi tilwima legali bejn il-partijiet, ghandhom l-ewwel jigu ezawriti t-tentattivi kif deskritti sabiex tintlahaq tranzazzjoni u fin-nuqqas ta' ftehim it-tilwima ghandha tigi sottomessa f'arbitragg gewwa Stockholm regolat bir-*Rules of the Arbitration Institute of the Stockholm Chamber of Commerce.*"

Il-Qorti tosserva li l-Ewwel Skeda fil-Kapitolu 387 hija dwar Mudell ta' Ligi fuq l-Arbitragg Kummercjali Internazzjonali. Din illum hija parti mil-ligi Maltija u fl-artikolu 8 (1) ta' l-istess insibu (ara "D1" hawn fuq) li meta jkun hemm ftehim suggett ghal Arbitragg il-Qorti ghandha jekk xi parti titlob mhux aktar tard min meta ssir l-ewwel dikjarazzjoni

tirreferi l-partijiet ghal Arbitragg. Dan dejjem jekk ma tqisx il-ftehim null u inoperattiv. Dan iwassal ghas-soprasessjoni skond il-ftehim bejn il-partijiet

L-atturi jsostnu li l-konvenuti ma ghamlu ebda talba quddiem din il-Qorti sabiex il-Qorti tirreferi l-kaz ghall-arbitragg, hekk kif provvdut fl-istess Artikolu 8(1). Ghalhekk l-atturi jinsistu li l-konvenuti issollevaw l-eccezzjoni izda fir-Risposta Guramentata taghhom illimitaw ruhhom ghall-fatt li l-Qorti ghandha twaqqaf dawn il-proceduri u ma saret ebda talba ghar-riferiment ta' l-arbitragg. L-atturi sostnew li l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati kienet biss talba ghal riferiment ghall-arbitragg u ma saritx mill-konvenut ma' "l-ewwel dikjarazzjoni taghha fuq il-merti tat-tilwima." Irreferew ukoll ghall-artikolu 15(3) tal-Kap 387 u ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 fl-isemijiet **Panta Marketing and Services Limited vs AX Contruction Ltd.** (Appell Civili Numru 533/2008/1), presjeduta mis-STO Prim Imhallef Silvio Camilleri fejn il-Qorti ta' l-Appell sostniet dak li gej:
"Ghar rigward l-operat tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg, il-punt gie diskuss mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Cannon Services Ltd. vs Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar**, deciza fit-12 ta' Dicembru 2002. Din il-Qorti sejra tipproduci l-parti rilevanti tal-konsiderazzjonijiet relattivi ta' dik il-Qorti, peress li taqbel mall-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti. Intqal a propozitu:
"Fl-ahharnett, is-socjeta` attrici tissotometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-ligi dwar Arbitragg, ir-riferenza ghall-arbitragg trid issir "qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti", mentri f'dan il-kaz, ir-riferenza giet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u tahseb li m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni rigida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-ligi hu intiz biex ma jinheliex zmien, u jekk il-kaz se jigi trattat f'Arbitragg, jekk jista' jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigh tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-kaz. Dak li hu importanti allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut, b'talba ad hoc, jitlob riferenza ghall-Arbitragg, izda li din ir-

riferenza tigi mitluba l-ewwel haga. Kif inhi l-ligi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tieghu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza ghall-arbitragg, izda din it-talba mhux mehtieg li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu ta' l-eccezzjonijiet".

Izda jigi osservat li fil-kaz in ezami l-eccezzjoni fuq il-klawsola arbitrali kienet l-ewwel eccezzjoni li giet diskussa fl-ewwel seduta. Ma kien sar xejn iehor fi procedimenti. Ma inhela ebda zmien. Propju l-ewwel haga li giet diskussa kienet l-eccezzjoni fuq il-klawsola arbitrali ghalkemm ma kienx hemm talba formali *ad hoc* izda kienet sottointesa mill-ewwel eccezzjoni. Kif kienu formolati l-eccezzjonijiet kien ovvju li qedgha ssir din it-talba.

***ii. Gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta mhux eskluza bil-klawsola arbitrali:***

Sekondarjament ir-rikorrenti sostnew li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta mhux eskluza bil-fatt illi tezisti klawzola ta' arbitragg u mhux kull klawsola gurisdizzjonali ghandha tigi segwita izda l-Qorti ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz qabel tiddeciedi.

Huwa veru li gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza Civili mhix eskluza bil-klawsola arbitrali, izda huwa obbligu tal-Qorti li tirrispejjka l-ftehim ta' bejn il-partijiet u cioe` *pacta sund servanda*. Il-Qrati dejjem ghandhom l-obbligu li jirrispettaw l-ghazla tal-gurisdizzjoni berjn il-partijiet anke jekk din tkun ghazla ghal gurisdizzjoni estera li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqha preventivament (**Noel Ellul *noe* vs Joseph Bowman *noe et***). Hu biss meta jkun hemm xi raguni tajba biex tichad lill-Klawsola Arbitrali li l-Qorti ghandha tafferma l-kompetenza taghha.

***iii. Gurisdizzjoni konkorrenti:***

Ir-rikorrenti jsostnu li jekk stess kellha tigi milqugha l-Klaswola Arbitrali kontenuta fil-*Boss Group Standard Terms and Conditions*, ikun hemm gurisdizzjoni konkorrenti u cioe` dik tal-Qorti u ta' Tribunal barrani u ghandu jigi applikat l-artikolu 742(2) tal-Kap 12. Dan isemmi li l-gurisdizzjoni tal-Qrati taghna mhix eskluza mill-

fatt li Qorti barranija tkun qed tittratta l-istess kawza u l-Qrati taghna jistghu fid-diskrezzjoni taghhom jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju jew iwaqqfu l-procedimenti f'kaz li l-azzjoni tkun vessatorja, oppressiva jew ingusta ghall-konvenut. Dwar dan l-aspett l-istess rikorrenti jidhol *funditus*, izda l-Qorti thoss li jekk taghmel dak li qed jitlob ir-rikorrent tkun qed tistultifika l-ftehim milhuq bejn il-partijiet u tirrendi fix-xejn il-ftehim li jsir.

Ghall-istess raguni ma tistax taqbel mal-principji tal-*Forum Conveniens*.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati u twaqqaf il-proceduri a tenur ta' l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 u l-artikolu 8 tal-*Model Law On International Commercial Arbitration* (Kap 387 l-Ewwel Skeda).

Spejjez ta' dawn il-proceduri bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------